# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 143/20TA**

**Stephen Dimech [K.I. 76349(G)] u martu Dolores Dimech [K.I. 76151(G)] ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Leighton Pisani [K.I. 451575(M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Stephen Dimech u martu Dolores Dimech (ir-rikorrenti) tal-11 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

"1. Illi nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), waqt li l-attur Stephen Dimech kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Kia Ceres, bin-numru ta' registrazzjoni BBL 439, fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura tal-konvenut tal-marka Isuzu NKR, bin-numru ta' registrazzjoni GAO 471.

2. Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort u htija tal-konvenut, minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, b'mod

partikolari minhabba nuqqas ta' *proper lookout* min-naha tieghu, meta kien qed jaghmel manuvra azzardata.

3. Illi kawza ta' dan l-incident l-attur sofura danni fuq hwejjgu kif ukoll sofra griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu, dan kif ser jigi spjegat ahjar tul is-smiegh ta' din il-kawza.

4. Illi allura kawza ta' dan l-incident l-attur sofra diversi danni, konsistenti kemm f'danni ingenti, kif ukoll f'dawk lukri cessanti.

5. Illi l-attur jixtieq illi jigi kkompensat ghal dawn id-danni, u minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut naqas milli jersaq ghal xi likwidazzjoni.

6. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Stephen Dimech, li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikara illi l-incident fuq imsemmi li sehh nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, sehh unikament tort u htija tal-konvenut.

2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti minn l-attur, u dan kemm fir-rigward ta' danni emergenti, kif ukoll lukri cessanti.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali spedita f'Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dik spedita kontestwalment lil kumpanija assikuratrici.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' Leighton Pisani (il-konvenut) tal-21 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda incident awtomobilistiku illi sehh nhar it-12 ta' Settembru 2018 fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAO 471misjuqa mill-esponenti Leighton Pisani u assigurata mas-socjeta` GasanMamo Insurance Limited u l-vettura di proprjeta` u misjuqa mill-attur Stephen Dimech bin-numru ta' registrazzjoni BBL 439;

2. Illi in linea preliminari, il-konvenut jeccepixxi illi dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' l-proceduri odjerni, u dana stante illi l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju tal-*privilegium fori*

lilu moghti ai termini tal-Artikoli 50, 741(c ) u 767 *et seq* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi in linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, il-konvneuti jeccepixxu:-

3. Illi b'referenza ghall-ewwel talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom in kwantu dina tirrigwarda r-responsabilita' tal-akkadut, l-esponenti jirrileva illi r-responsabilita' tal-akkadut ma hijiex qieghda tigi kkontestata. Ghaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija digá ezawrita, u l-intimat ma ghandhux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez legali in konnessjoni mal-istess talba;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, kull somma ta' danni pretiza mir-rikorrenti hija kkontestata mill-esponenti, u r-rikorrenti ghandu jressaq l-ahjar prova valida skond il-ligi sabiex jistabbilixxi dak illi fil-fatt soffra in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-incident u li juri li d-danni pretizi minnu huma rizultat <u>esklussiv</u> ta' l-incident mertu tal-kawza u tal-ebda incident precedenti, jew ta' xi *pre-existing health condition* illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe cirkostanza ohra;

5. Illi fl-ahharnett, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxi illi f'kaz ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, ghandha titnaqqas kull somma ta' beneficcju u/jew kumpens illi r-rikorrenti digá ha jew ser jiehu minn sorsi ohrajn – sew pubblici kif ukoll privati – minhabba l-istess incident mertu tal-kawza odjerna;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat l-atti l-oħra kollha.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fit-12 ta' Settembru 2018 l-Attur kien qiegħed isuq il-vettura tal-Marka Kia Ceres bin-numru tal-pjanċa BBL 439 kellu inċident ta' kolliżjoni

meta ħabat mal-vettura tal-marka Izuzu NKR bin numru tal-pjanċa GAO 471. Dan l-inċident seħħ fi Triq ir-Rabat, Nadur, Għawdex. Din tal-aħħar vettura kienet misjuqa mill-konvenut.

**2.** Ma huwiex dubitat u fil-fatt il-partijiet huma konkordi li l-konvenut jaħti għall-inċident inkwistjoni. Di fatti din il-Kawża hija biss dwar likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-Attur.

**Punti ta' liġi**

**3.** Sa fejn jirrigwarda r-responsabbilita' tal-inċident, ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tidħol fl-elementi ta' responsabbilita'. Jingħad biss li l-azzjoni hija akkwiljana u għalhekk id-danni huma estra-kontrattwali.

**4.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**5.** Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali". Fil-waqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

**6.** Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>*Damnum emergens*</u>

**7.** Kif diġa' rilevat dan jirrigwarda ħsara effettiva u attwali li sofra l-Attur b'konsegwenza tal-inċident. Skont din il-Qorti dawn huma s-segwenti:

**8.** It-trakk tal-Attur spiċċa total Loss u *beyond economical repair* u għadu sal-lum iħallaslu l-kera għand il-panel beater (a' fol 52 u 53). Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li dan il-vann tassew ġarrab ħsarat estensivi (a' fol 88 ara ukoll ritratti a' fol 317). Qabel l-inċident nefaqlu €3000 biex

daru. Tarcisio Mercieca surveyor jgħid li l-market value tal Vann huwa ta' €2500 u scrap value ta' €250 (a' fol 400 tergo). Gasan Mamo kienu għamlu offerta ta' €2400 u l-Attur iżomm ir-wreck. L-Attur ma aċċettax u nsista fuq ħlas ta' €4000 (a' fol 414 tergo).

**9.** Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn ma toqgħodx mal-konklużjonijiet li wasal għalihom Tarcisio Mercieca. Kieku ried l-Attur kellu offerta ftit aħjar mis-Soċjeta' Assiguratriċi imma talab somma ħafna għolja. Il-Qorti jidhrilha, li f'dan ir-rigward l-Attur għamel għal żaqqu u minflok aċċetta s-somma li saritlu baqa' jinsisti fuq somma esaġerata. Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-vettura tal-Attur, il-Qorti qed tillikwida bħal parti mid-*damnum emergens* is-somma ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2300) cioe' €2500 valur fis-suq meno valur tal-karkassa fl-ammont €200.

**10.** Il-bqija tad-danni effettivi dawn huma indikati fir-riċevuti esebiti mill-Attur (a' fol 323 sa 364). L-Attur pero jgħid li l-ispejjes li għamel fit-trakk, dawk kienu qabel l-inċident (a' fol 422). Għalhekk dawn mhux ser ikunu kkunsidrati. Il-Qorti tfakkar li għalkemm id-danneġġjat għandu kemm jista' jkun jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha qabel l-inċident minn naħa l-oħra lanqas ma jista' japprofitta ruħu billi jinkludi spejjes li ma humiex relatati mal-event dannuż.

**11.** Il-Qorti eżaminat ukoll ir-riċevuti esebiti mill-Atturi kif fuq indikat u waslet għas-somma ta' €1701. Il-Qorti ma ħaditx kont ta' kemm l-Attur

nefaq fuq il-vettura qabel l-inċident u l-anqas ta' xi riċevuti li ma kienu ċari xejn. Dan ifisser, li d-*damnum emergens* ossia telf effettiv li għamel l-Attur jammonta għal **€4001.** F'dan ir-rigward l-Attur jgħid li juża numru ta' tipi ta' spray għal imnieħru u anke jagħmel messaġġi privatament fl-ispiżerija Batu Pharmacy, Triq il-Palma, Rabat, Għawdex. Għadu jieħu diversi pilloli ta' kuljum (a' fol 51 u 52). Għalhekk ir-riċevuti esebiti mill-Attur huma verosimili ħafna.

*<u>Lucrum cessans</u>*

**12.** L-Awtur taljan Torrente jsostni li "*la* valutazione *del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**). Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**13.** B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri meta jiġi biex iqis danni futuri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

**14.** Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c** et intqal li "*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ; Illi l-kliem 'inkapaċita għal dejjem' li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li 'f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv*" (Ara **ukoll Sentenza tal-Prim Awla tat-30.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata)**).

**15.** Dan ifisser li hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun gwidad mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn bil-caveats legali kollha li dan il-prinċipju iġib miegħu (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tat-3 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani mhix appellata**).

**16.** Huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "*telf ta' paga jew qligħ ieħor attwal*i" u "*telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem*". Huwa wkoll minnu, li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn *"past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*" (**Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**).

**17.** Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Il-Qorti għalhekk tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-

kawża (Ara **App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kolleż. Vol: XLVIII.i.500**) f'dan il-każ fit-8 ta' Awwissu 2018. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (Ara **App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.242)**)

**18.** Ħaġa oħra hi, li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment kif fuq aċċennat(Ara **Sentenza tal- P.A. tal-31 ta' Jannar 1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata)**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll, li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-Attriċi irid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi il-persuna danneggjata kieku ma ndarbitx. (Ara fost oħrajn **Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**).

**19.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirrisulta mir-rapport tas-Servizzi Soċjali li ma jidhirx li ngħataw benefiċċji relatati mal-inċident. Pero' l-Attur jirċievi pensjoni ta' media ta' €6,500 fis-sena ( a' fol 396 u 397). Jirrisulta ukoll li bil-konsegwenza tal-inċident l-Attur ma jistax

ikompli jaħdem ir-raba' (ara a' fol 51 u kif ukoll ukoll xhieda tal-Attriċi a' fol 55 u r-rapport ta' Carmel Sciberras a' fol 69). Għalhekk ser tiġi likwidata s-somma ta' €500 fis-sena relatata ma' din l-attivita' biex il-qliegħ annwali tiegħu ser jitqies fl-ammont ta' €7000.

**20.** Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' Butler -vs- Heard. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilietx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati.

**21.** Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni. Dan mhux prinċipju fiss, fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirrisulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin li prevedibbilment ma kienux jippermetulha li tgħix sa 65 sena u bħal meta jkun tant b'saħħtu il-kalkolu jista' ukoll jissupera l-eta' pensjonabbli. Dan huwa l-prinċipju tac-*chances u changes of life*.

**22.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, fil-mument tal-inċident l-Attur kellu 70 sena (l-Attur twieled fis-26 ta' Settembru 1949 (a' fol 87)).

Huwa minnu li dawn il-Qrati stabbilew li l-kalkolu jsir sal-eta' pensjonabbli. Imma din ma hiex xi regola fissa u mmutabbli.

**23.** Di fatti issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Emanuel Buhagiar -vs- Kyle Stone et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007**. F'dik il-Kawża, fil-ġurnata tal-inċident l-Attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-inċident kellu bżonn bastun u beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bażi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.

**24.** Fis-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004**. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel Qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-inċident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-Qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-*ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba ddiżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…….*". Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-Attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat

multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti tal-Appell irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri.

**25.** Din il-Qorti hi tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur huwa meħtieġ biex isservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi. L-awtur taljan Torrenti jsostni li *"la valutazione del danno puo' essere laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo."* (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

**26.** Dawn is-Sentenzi kollha jistabilixxu li għalkemm il-kejl normali li jimxu fuq dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-eta' ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet. Issa fil-każ odjern il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni ta' dak li qalu il-Periti addizzjonali, kif ser jingħad aktar 'l isfel, iżda xorta tħoss li l-inċident mertu ta' din il-Kawża xorta wassal biex l-Attur ikollu l-kwalita' ta' ħajja tiegħu b'mod avvers u dan fi żmien meta il-persuna tkun qed tittama li tgawdi bis-sħiħ is-snin li tkun fadlilha. Di piu' meta d-dannu jiġi kawżat f'eta' tant avvanzata, l-infieq għal fejqan ser ikun aktar frekwenti u jekk mhux ukoll aktar kostuż għaliex wara kollox mhux kull mediċina tingħata bil-fors b'xejn mill-Gvern. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tqies li l-perjodu ta' sitt(6) snin ikun ġust bħala multiplier.

**27.** Huwa ukoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapresentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin magħrufa bħala *lump sum payment*. L-ermenewtika Sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm-il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża.

**28.** Il-Qorti għandha ukoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis. Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli. F'dan il-każ il-Qorti qieset li tnaqqis bħal lump sum fl-ammont ta' 18% fil-mija jkun ġust tenut kont taċ-ċelerita' tal-proċeduri f'din il-Kawża.

**29.** Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu ikun effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq

opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan ir-rwol f'materja tant teknika.

**30.** Il-persentaġġ ta' diżabilita' maħruġa minn Dr. Karl Borg Xuereb 30.5% (ara a' fol 61). Skond il-Perit Carmel Sciberras, maħtur mill-Qorti din hija ta' 24% (a' fol 69). Pero', kwantu jirrigwarda l-problemi ortopediċi tal-Attur, skond ir-rapport tal-periti addizzjonali ortopediċi "*B'konkluzjoni ahna ma insibu ebda xhieda ta' ksur gdid f'dahru jew hsara gdida fi spalltu l-leminija. Kellu patologija sostanzjali fiz-zewg bnadi u li liskoss li ha waqt l-incident possibbilment qajjimlu is-sintomi f'dawn il-problemi qodma. Sintomi bhal dawn huma mistennija li jciedu biz-zmien <u>izda forsi mhux ghal kollox</u>* " (Emfażi tal-Qorti). Il-periti addizzjonali jsibu diżabilita' ta' 3% (paġna 4 tar-rapport). Jagħtu ukoll l-istorja dettaljata dwar inċidenti li l-Attur kellu fl-imgħoddi fl-istess partijiet ta' ġismu. Kenneth Muscat maħtur mill-Qorti bħala espert tal-ENT minn naħa l-oħra jagħti diżabilita' ta' 10%. Dan jgħid li "*Since the injury happened 2 years ago, <u>there is not going to be any further change in his ear condition</u>*" (fol 383 u 384 Emfażi tal-Qorti).

**31.** Issa din il-Qorti tifhem sewwa dak li jgħidu l-periti addizzjonali pero' minn naħa l-oħra l-anqas ma din il-Qorti għandha tiskarta l-fatt li l-aħħar inċident kien li skatta (*trigger*) ta' dak li qiegħed isofri minnu l-Attur llum. Għalhekk din il-Qorti tħoss li b'sens ta' ġustizzja, bejn dak li qal l-ewwel perit u dak li qalu il-periti addizzjonali ikun aktar ġust u ekwu li 12% fil-mija

diżabilita' ortopedika tirrifletti ċ-ċirkostanzi mediċi tal-Attur illum. Għalhekk wara li din il-Qorti ħadet ukoll inkonsiderazzjoni dak li wasal għalih l-espert tal-ENT il-perċentwal ta' diżabilita' għandha fit-totalita' tagħha tkun ta' 20%.

**32.** F'dan ir-rigward huwa interessanti dak li josserva l-awtur Paul Munken meta jagħmel referenza għall-Kawża fl-ismijiet Jones -vs- Griffith li "…*in assessing damages which depends on its view to what will happen in the future or would happen in the future …. the Court must make an estimate as to what are the changes that a particular thing will or would have happened"* (**Munken, On Damages for Personal Injuries and Death, Lexis Nexis, 12th Ed, page 4**).

**33.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli ta' dak li hu rejali, għaliex huwa umanament impossibbli, li wara inċident gravi, l-persuna danneġġjata terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**34.** Din il-Qorti tqies dan l-element bħala integrita' psiko-fiżika tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Apparti l-parti materjali tal-ġisem li tkun tilfet, hemm l-elementi ta' natura psiko-fiżika. Giovanna Visintini tikkwota

lill-Qorti ta' Cassazioni Taljana fejn ġie osservat li "*Il danno alla vita di relazione e' una componente specifika del danno patrimoniale e implica una menomazione della cosi detta capacita' di concorrenza dell'individuo rispetto ad altri soggetti nei rapport socjali e economici*" (Ara **Giovanna Visintini, Trattato Breve Della responsabbilita' Civile, Cedam, ed 1996, pg 545**).

**35.** F'dan ir-rigward l-espert tal-ENT josserva li "*Since the injury happened 2 years ago, there is not going to be any further change in his ear condition*" (fol 383 u 384). Di piu' per konsegwenza tal-inċident l-Attur ma hux ser ikun aktar possibbli għalih li jipprattika l-isport favorit tiegħu, li f'dan il-każ huwa l-kaċċa. Ġaladaraba ser ikun imċaħħad milli jissokta ħajtu kif jixtieq hu, għal dan in-nuqqas din il-Qorti qed tillikwida s-somma ta' tlett elef ewro €3000.

**36.** Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed inkonsiderazzjoni, li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "*purchasing power*" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (**Ara Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

**37.** Issa skond l-indiċi tal-inflazzjoni tal-prezzijiet anness mal-Kap 158 tal-liġijiet ta' Malta r-rata ta' inflazzjoni fl-2018 kienet 859.63 u sakemm ġiet biex tingħata din is-Sentenza telgħet għal 947.40, bl-aħħar aġġustament fl-2022. Għalhekk din il-Qorti tqies ir-rata tal-inflazzjoni b' żieda ta' sitta fil-mija (6%) tkun ħaġa xierqa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

*Likwidazzjoni tad-danni*

**38.** €7000 (entrojtu annwali) x 6 (multiplier) = €42,000 – €7,560 (18% lump sum payment) = €34,440 // €6,888 (20% diżabilita') + €3000 (integrita' psiko-fiżika) = €9,888 + €593.28 (inflazzjoni) = **€10,481.28.**

**39.** €10,481.28 (lucrum cessans) + €4001 (Damnum emergens) = **€14,482.28** (Danni totali u finali).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba in vista' tal-ammissjoni ta' responsabbilita' ammessa mill-konvenut per via tan-nota ta' eċċezzjonijiet.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' erbatax-il elf erbgħa mija u tnejn u tmenin punt tmienja u għoxrin ewro **(€14,482.28).**

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kif mitluba a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**